MALTA

# TRIBUNAL GHALL-INVESTIGAZZJONI TA' INGUSTIZZJI

## MAGISTRAT DR. MICHAEL MALLIA

Seduta tal-5 ta' Mejju, 2005

Rikors Numru. 1097/1997/1

Frederick Attard
vs
Ministeru tax-Xoghlijiet bhala li dak iz-zmien kien responsabbli ghall-Planning Area Permits Board; Il-Permanent Secretary fil-Ministeru tax-Xoghlijiet; l-Awtorita` ta’ l-Ippjanar u l-Kummissarju tal-Pulizija.

It-Tribunal

**RIKORS:**
Ra r-rikors ipprezentat fl-1 ta’ Dicembru 1997 fejn ir-rikorrent wara li ppremetta illi huwa sofra ingustizzja f'perjodu bejn id- 9 ta' Mejju 1987 u l-15 ta’ Mejju 1995 huwa sofra ingustizzja konsistenti fil-fatt illi l-Planning Area Permits Board fl-ahhar seduta taghha qabel ma giet rikostruita l-Planning Authority approvat il-file numru 599/92 minkejja li kien fih bosta irregolarijiet, u dana a skapitu tar-rikorrent. Dan il-file kien applikazzjoni ta’

Anthony Mizzi biex f'garage f' Ursoline Sisters Street, Guardamangia, area residenzjali u kwazi bieb ma' bieb mad-dar tar-rikorrent, jinghata permess biex isir xoghol ta' mekkanik, panel beater, welder, u sprayer.

2. Illi r-regolaritajiet kienu illi:-

a) it-Technical Officer tal-Planning Area Permits Board li kien inkarigat biex jezamina l-lokal in kwistjoni qatt ma sab il-garage fuq liema saret l-applikazzjoni;
b) il-pjanta tal-lokal sottomessa ma' l-applikazzjoni ma kienet taqbel mal-lokal li ghalih in segwitu inhareg il-permess;
c) il-file relattiv qatt ma wasal ghand l-uffcicjal tad-Dipartiment koncernat li suppost kellu jezaminah biex japprovah jew jichad it-talba.

3. Illi nonostante li palesament kien hemm dawn l-irregolaritajiet il-file gie approvat fl-20 ta' Novembru 1992, u fl-1 ta' Dicembru 1992 is-Segretarju tal-Planning Area Permits Board kiteb lill-Officer in charge fit-Trading Licence Office li ma kellu l-ebda oggezzjoni ghall-hrug tal-licenzja. Il-Kummissarju tal-Pulizija spicca biex hareg il-licenzja mitluba u nonostante li huwa qatt ma avvicina lill-girien biex jaghtu l-kunsens taghhom jew biex joggezzjonaw ghall-ghoti tal-permess mitlub.

4. Illi l-Awtorita` ta' l-Ippjanar hadet 'over' b'effett mit-30 ta' Ottubru 1992;

5. Illi minhabba l-hrug ta' dan il-permess ir-rikorrent li huwa mpjegat bhala ufficjali mal-Malta International Airport u jahdem bis-shift u ghalhekk ikollu bzonn tal-mistrieh id-dar matul il-gurnata, kien kostrett isofri storbju u rwejjah matul il-gurnata kollha, rizultat ta' hidma minn 'panel beating', 'welding', 'spraying', tqattieh ta' pjanci tal-metall tal-karozzi permezz ta' ghodda bil-kompressur u tkaxkir ta' 'trolley jacks' li fuqhom jingibdu l-karozzi. Barra minn hekk fid-9 ta' Marzu 1993 meta Carmelo Mizzi nharaqlu l-garage kellha tkun xorti tajba li ma saritx disgrazzja u splodiet l-'oxyacetylene welding set' li taghha

nghata l-permess biex jopera u li kellu hemm gol-garage dak in-nhar ta’ l-incident.

6. Illi dwar il-hrug ta’ l-imsemmi permess ir-rikorrent ressaq kaz ta’ korruzzjoni quddiem il-Kummissjoni Permanenti Kontra l-Korruzzjoni li kixfet l-irregolaritajiet kollha fil-hrug ta’ l-imsemmi permess u ressqet il-fehmiet taghha.

7. Illi huwa kien bi hsiebu jgib biex isostni l-ilment tieghu lix-xhieda murija fl-elenku li jindika ghar-rigward ta’ kull xhud dawk il-fatti li r-rikorrent kien bi hsiebu jgib prova dwarhom bix-xhieda tieghu.

Ghaldaqstant ir-rikorrent talab li dan it-Tribunal jisma’ u jiddeciedi dwar dan l-ilment skond l-Att ta’ l-1997 dwar it-Tribunal ghall-Investigazzjoni ta’ Ingustizzji, u jigi ordnat li jithallas lilu kumpens fl-ammont ta’ hamest t’elef lira maltija (LM 5,000)

Ra l-lista tax-xhieda tar-rikorrent.

**ECCEZZJONIJIET:**
Ra r-risposta ta’ l-intimat, l-Awtorita` ta’ l-Ippjanar fejn wiegbet:

Illi l-istess Awtorita` ta’ l-Ippjanar ma ssuceditx ghar-responsabbilitajiet ta’ l-agir ta’ l-istess PAPB skond l-Att I ta’ l-1992 u l-imsemmi ingustizzja jirrigwarda perjodu meta l-Awtorita` lanqas kienet tezisti u ghaldaqstant skond l-Att I ta’ l-1992 ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju.

Illi l-file in kwistjoni, jekk kien tal-PAPB u jekk kien bin-numru 599/92 jirrigwarda bini ta’ post Had-Dingli, li kopja tal-permess qed jigi hawn esebit mmarkat Dok TD1, li nhareg eventwalment mill-Awtorita` ta’ l-Ippjanar ghax kien ghadu mhux deciz mill-PAPB;

Jekk l-istess kaz jitratta fuq kwistjonijiet ohra, l-istess Awtorita` qatt ma kienet involuta fil-hrug tat-Trading Licence li tinhareg mill-Kummissarju tal-Pulizija u l-istess

Awtorita` meta fil-fatt bdiet topera ma setghetx lanqas tiehu passi kontra jew twaqqaf zvilupp li jikkonsisti f' uzu kopert qabel l-1993 b' permess tal-pulizija u dan skond l-Att I ta' l-1992 [artikolu 51(2)];

Ghaldaqstant l-intimat talab li dan it-tribunal ma jilqax it-talbiet hawn migjuba fil-konfront ta' l-intimati Awtorita` ta' l-Ippjanar bl-ispejjez kontra l-istess rikorrent.

Ra l-lista tax-xhieda u dokumenti ta' l-Awtorita tal-Ippjanar.

Ra r-risposta tal-Kummissarju tal-Pulizija fejn wiegeb:

1. Illi fl-ewwel lok l-inkopetenza tat-Tribunal 'rationae materiae' stante li l-mertu ma jinkwadrax ruhu f' wiehed mill-kazijiet kontemplati fl-Att VIII tal-1997.

2. Fit-tieni lok u minghajr pregudizzju ghall-permess it-talba tar-rikorrent hija infondata fil-fatt u fid-dritt stante li l-esponenti ezercita` il-poteri tieghu skond il-ligi u r-regolamenti koncernati, u jekk ir-rikorrent hass ruhu aggravat bil-licenzja in kwistjoni, kellu jadixxi l-forum adatt sabiex l-ilment tieghu jigi trattat.

3. Fit-tielet lok jinghad li l-kaz jirrigwarda transfer ta' licenzja minn missier ghall-iben. Il-missier kellu licenzja fuq il-fond in kwistjoni ghal numru twal ta' snin u meta jsir transfer simili m'hux normali li jsir 'neighbours' consent form'.

4. Illi l-esponent ipprocessa l-file skond il-ligi u del resto jigi rilevat li fil-proceduri quddiem il-Kummissjoni Permanenti kontra l-Korruzzjoni ma xehedux il-personnel li kienu direttament involuti fil-file.

Ra l-lista tax-xhieda.

Ra r-risposta tas-Segretarju Permanenti fil-Ministeru tax-Xoghlijiet u ta' l-istess Ministeru tax-Xoghlijiet fejn wiegbu:

1. Illi primarjament dan it-Tribunal m' ghandux jiehu konjizzjoni ta' dan ir-rikors u dan ai termini ta' l-artikolu 5(3) (a) u (b) ta' l-Att Nru. VIII ta' l-1997;

2. Illi inoltre u minghajr pregudizzju ghas-suespost din l-azzjoni hija wahda intempestiva stante illi r-rikorrent kellu qabel xejn jipprevali ruhu minn mezzi ohra li taghtih il-Ligi;

3. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost dan it-Tribunal ghandu jastjeni milli jiehu konjizzjoni ta' dan ir-rikors stante illi fil-konkluzjonijiet tal-Kummissjoni Permanenti kontra l-Korruzzjoni saru diversi rakkomandazzjonijiet fosthom li jigi investigat kif il-PAPB approva l-permess tal-garaxx; u

4. Illi inoltre u minghajr pregudizzju ghas-suespost l-esponenti m'ghandhom ebda responsabbilita` stante illi prezentament kemm il-Planning Area Permits Board kif ukoll id-Dipartiment tal-Building Inspectors m'ghadux jifforma parti mill-Ministeru tax-Xoghlijiet.

Ra s-sentenza in parte tas-6 ta' Marzu 2001 fejn it-Tribunal cahad l-eccezzjoni illi l-kaz diga tqajjem quddiem il-Kummissjoni Permanenti kontra l-Korruzzjoni u ddikjara li din il-kawza r-rikorrent seta' jintavola t-talba tieghu peress li qed jilmenta li l-intimati ma wettqux l-ordnijiet tal-Kummissjoni.

Ra s-sentenza tat-12 ta' Novembru 2002 fejn it-Tribunal wasal ghal kokluzjoni illi "decizjoni tal-Police Licenses Advisory Board qatt ma tista' thassar jew tannulla r-rapport tal-Kummissjoni Permanenti kontra l-Korruzzjoni u d-decizzjonijiet ta' l-istess Kummissjoni kienu u ghadhom validi."

Ra n-nota tal-5 ta' Lulju 2002 fejn ir-rikorrent ceda l-atti fil-konfront ta' l-Awtorita ta' l-Ippjanar (fol 29).

Sema' lix-xhieda bil-gurament.

Ra l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza.

Ikkunsidra

Illi f'din il-kawza r-rikorrent qieghed jitlob kumpens minghand l-intimati talli ma gewx imwettqa d-decizzjonijiet tal-Kummissjoni Permanenti kontra l-Korruzzjoni illi ezaminat applikazzjoni ghal hrug ta' permess ghal mechanic, panel beater, welder u sprayer ta' Anthony Mizzi f'Ursoline Sisters Street G'Mangia li jigi kwazi bieb ma bieb fejn joqghod ir-rikorrent. Din il-Kummissjoni dahlet fil-fond fl-istorja ta' dan il-permess u wasslet ghal konkluzzjoni illi saru irregolaritajiet u ordnat illi l-licenzji jigu revokati immedjatament.

It-Tribunal jidhirlu illi l-"punto di partenza" f'din il-kawza ghadha tkun id-decizjoni tal-Kummissjoni fuq imsemmija li nghatat fit-23 ta' Lulju 1997 fejn ikkonkludiet illi "il-permessi kollha mahruga fil-prezent favur Anthony Mizzi fuq il-garaxx tieghu fi Triq is-Sorijiet ta' l-Ursolini G'Mangia, ghandhom jigu revokati immedjatament."

Kien jispetta lil Kummissarju tal-Pulizija sabiex iwettaq din l-ordni izda minflok laqqa' l-'Police Licenses Appeal Tribunal' illi tat id-decizjoni taghha kontra dak illi ordnat il-Kummissjoni u ddecidiet li kellha tinhareg licenzja taht kundizzjonijiet specjali. Id-decizjoni tal-Appell inghatat b'ittra dattata 3 ta' Novembru 2000. Ir-rikorrent appella minn din id-decizjoni izda l-Board ta' l-pariri dwar licenzji tal-Pulizija b'decizjoni moghtija fl-24 ta' Settembru 1999 ikkonferma il-konkluzzjonijiet ta' l-'Appeals Tribunal' biex b'hekk giet imwarrba ghal kollox id-decizjoni moghtija mill-Kummissjoni Permanenti kontra l-Korruzzjoni fit-23 ta' Lulju 1997.

It-Tribunal hawnhekk jiddikjara bla ebda tlaqliq li din is-sitwazzjoni mhijiex accettabli. Il-Kummissarju tal-Pulizija ma kellu l-ebda dritt jiehu inizzjattivi u arbitrarjament, kontra d-decizjoni tal-Kummissjoni ilaqqa' t-Tribunal sabiex jikkonsidra licenzja illi skond l-istess Kummissjoni kellha tigi revokata immedjatament. Dan huwa att sfaccat ta' disprezz lejn il-Kummissjoni, biex issa giet ikkrejata ingustizzja permanenti fil-konfront tar-rikorrent illi ma jistax jiehu dak li haqqu.

Il-Kummissarju tal-Pulizija dehrlu li huwa qieghed jagixxi skond il-ligi meta laqqa' l-'Appeals Tribunal'. It-Tribunal jidhirlu li din il-mizura missu hadha qabel id-decizjoni tal-Kummissjoni u mhux wara fejn allura ma kellu ebda alternattiva hlief li joqghod ghal ordni tal-Kummissjoni u jirrevoka immedjatament il-licenzji fuq il-garaxx imsemmi. Jekk imbaghad jibdew diskussjonijiet bejn il-partijiet biex jinstab mod gust kif operazzjoni kummercjali tista' tigi ezercitata minn garaxxijiet imsemmija minghajr tfixkil u inkonvenjent ghal girien allura iva dak kien il-process gust u ekwu li missu ttiehed, bhal ma qal dan it-Tribunal fis-sentenza fuq imsemmija "decizjoni tal-Police Licenses Advisory Board qatt ma tista' thassar jew tannulla r-rapport tal-Kummissjoni Permanenti kontra l-Korruzzjoni u d-decizzjonijiet ta' l-istess Kummissjoni kienu u ghadhom validi."

Hija valida ghalhekk id-decizjoni ta' l-istess Kummissjoni illi l-licenzji ghandhom jigu revokati immedjatament u ghalhekk it-Tribunal jidhirlu illi l-Kummissarju tal-Pulizija wettaq ingustizzja u bl-ezistenza tal-licenzji din l-ingustizzja se tibqa' tigi perpettwata sakemm il-Kummissarju jiddeciedi li joqghod ghall-ordni tal-Kummissjoni. Ordmi li dan it-Tribunal jaderixxi wara li hu wkoll kellu okkazzjoni jezamina d-dokumenti msemmija minn fejn irrizulta car illi l-licenzja originali ta' l-1984 ma ssemmi xejn dwar panel beating u spray painting izda biss xoghol hafif fuq vetturi u garaging ta' l-istess vetturi (fol 100). Ix-xoghol ta' panel beating u spray painting gie mizjud wara bi pregudizzju serju ghar-rikorrent u l-girien ta' l-istess garaxx.

Ghalhekk it-Tribunal jiddikjara li l-intimat Kummissarju tal-Pulizija ma kellu l-ebda dritt jikkunsidra l-hrug ta' permessi wara id-decizjoni tal-Kummissjoni Permanenti kontra l-Korruzzjoni u ma kellux alternattiva hlief li joqghod ghal dik id-decizjoni u jirrevoka immedjatament il-permessi kollha, biex issa bl-agir tieghu ;-Kummissarju qieghed lir-rikorrent f'ingustizzja kontinwa li sfortunatament dan it-Tribunal ma jistax jikkoregi minhabba t-terminu koncess lilu bl-Att VII ta' l-1997. L-Artikolu 5 (4) jghid "dan l-Att

m'ghandu jkun japplika ghal ebda Att jew omissjoni li jkunu graw qabel id-9 ta' Mejju 1997 jew wara l-15 ta' Mejju 1995."

Id-decizjoni tal-Kummissjoni Permanenti kontra l-Korruzzjoni ittiehdet fit-23 ta' Lulju 1997 u s-sitwazzjoni ta' ingustizzja kontinwata giet perpettwata wara dik id-data u ghalhekk jigi barra t-terminu koncess lil dan it-Tribunal mill-Att fuq imsemmi. Quindi, minkejja s-sitwazzjoni xejn felici ghar-rikorrent u minkejja l-konsiderazzjoni moghtija mit-Tribunal f'din is-sentenza r-rikorrent ma jistax jiehu rimedju. It-Tribunal ikun qieghed imur oltre l-kompetenza tieghu u bhala stat ta' ordni pubbliku ma jistax ikun hemm kompromessi.

Ghalhekk b'dispjacir it-Tribunal ikollu jiddikjara ruhu inkompetenti 'ratione materiae' u jastjeni milli jiehu decizjoni fuq it-talba tar-rikorrent. Spejjez bla taxxa.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------